VALLETTA
CULTURAL
AGENCY



JAN - JUN EDITION

# CULTURAL

## PROGRAMME 2022



# WERREJ// CONTENTS


Il-Programm Kulturali // The Cultural Programme 04-15

The Strada Stretta Concept // The Strada Stretta Concept 16-19

Il-Valletta Design Cluster // The Valletta Design Cluster 20-27

Kalendarju Kulturali Jannar-Ġunju 2022 // Cultural Calendar January -June 2022 30-32


c. Justine Ellul

c. Justine Ellul

# José Herrera

**Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali //**
Minister for the National Heritage, the Arts and Local Government



"Il-Kultura ta' Nazzjon tgħix fil-qlub u fir-ruħ tan-nies tagħha". Dan huwa kliem Mahatma Gandhi li bla dubju ta' xejn se jkun rifless fil-programm daqstant estensiv u interessanti li l-Agenzija Kulturali għall-Belt Valletta ħasbet li tipprepara għall-Programm Kulturali tal-2022. Matul dawn ix-xhur, se naraw iseħħu quddiemna bosta attivitajiet kulturali b'taħlita ta' arti, arti performattiva u ħafna aktar. Kull element se jkun qed jgħin biex insaħħu aktar il-kultura li nafu kemm hija importanti u maħbuba mill-poplu Malti u Għawdxi. Il-fatt li quddiemna qed naraw dan il-programm, għandu jġiegħlna nħossuna kuntenti u kburin li wara li fl-aħħar snin kellna noqogħdu lura minn avvenimenti simili, issa ninsabu lesti u determinati li dak kollu li hemm preparat jasal fil-qlub ta' dawk kollha li għandhom għal qalbhom il-kultura.

"A nation's culture resides in the hearts and in the soul of its people." These words by Mahatma Gandhi, seem to reflect directly this extensive and interesting programme that the Valletta Cultural Agency has prepared for the 2022 Cultural Programme. During these months, we shall be seeing several cultural activities with a mix of arts, performing arts and much more. Every element will help to further strengthen our culture, which is very important and loved by the Maltese and Gozitan people. The fact that we are seeing this programme, has to make us feel fortunate and proud. This is especially due to the fact that during recent years we had to refrain from organising such events. By means of all these activities, we are ready and determined to touch the hearts of all those who love culture.

# Jason Micallef

**Ċermen**
**L-Aġenzija Kulturali għall-Belt Valletta //**
Chairman
Valletta Cultural Agency



**Hekk kif id-dinja qed tiffaċċja diversi sfidi, qodma u ġodda, bħalissa huwa kruċjali aktar minn qatt qabel li l-arti tingħata prijorità. Wara kollox, l-arti toffri għodda essenzjali – tfarraġ, tferraħ, tirrabja, tisfida, jew terġa' tagħti ħajja ġdida lill-ħsieb tagħna. Mingħajr il-kultura, nirriskjaw li noħolqu soċjetà li, materjalment, għandha ħafna biex tgħix, imma li m'għandhiex raġuni għaliex tgħix. L-arti tibqa' fost l-akbar katalisti għad-dibattitu, u d-dibattitu huwa l-akbar katalista għall-bidla.**

**Dan il-programm huwa riflessjoni mill-qalb ta' dan kollu.**

As the world faces numerous challenges, old and new, it is crucial now more than ever the need for arts to take centre stage. After all the arts offer tools for living - to console or delight or enrage or challenge or revitalise dulled perception. Without culture we run the risk of creating a society that materially has lots to live with but lacks a sense of what to live for. Art remains one of the greatest catalysts for debate, and debate is the greatest catalyst of change.

This programme is a heartfelt reflection of all this.

# Catherine Tabone

**Uffiċjal Kap Eżekuttiv**
**L-Aġenzija Kulturali għall-Belt Valletta //**
Chief Executive Officer
Valletta Cultural Agency



**Huwa ta' unur u ta' pjaċir li mmexxi entità li taħdem biex ittella' avvenimenti u inizjattivi kulturali ta' kwalità għall-pubbliku Malti fil-Belt Kapitali ta' gżiritna, aktar u aktar issa li d-dinja tinsab lura fit-triq lejn in-normalità. Sfortunatament, matul l-aħħar sentejn il-kultura u l-arti kienu fost l-aktar setturi li ntlaqtu mill-effetti negattivi tal-pandemija tal-Covid-19. Issa li l-agħar parti tinsab warajna, l-Aġenzija Kulturali għall-Belt Valletta tinsab ħerqana biex terġa' tibda ttella' l-avvenimenti, kemm kbar kif ukoll żgħar, biex intaffu l-effetti ta' dak li esperjenzajna lkoll flimkien. Nistednuk tingħaqad magħna fuq dan il-vjaġġ ta' riġenerazzjoni; ejja nerġgħu nimlew it-teatri, is-swali tal-kunċerti u l-ispazji tal-esibizzjonijiet biex noħolqu konnessjonijiet u esperjenzi sinifikanti flimkien!**

It is an honour and a pleasure to be heading an entity which is tasked with bringing quality cultural events and initiatives to the Maltese public in the islands' capital city, even more so now that the world is on the path back to normality. Unfortunately, in the past two years culture and the arts were amongst the sectors that most felt the adverse effects of the Covid-19 pandemic. Now that the worst is behind us, the Valletta Cultural Agency is thrilled to be once again hosting events, both large and small, to heal the collective trauma we have all experienced. We invite you to join us on this journey of regeneration; let us once again fill theatres, concerts and exhibition spaces to create meaningful connections and experiences together.



# VALLETTA CULTURAL AGENCY



**Bħala proġett tal-legat ta' Valletta 2018, l-Aġenzija Kulturali għall-Belt Valletta tkompli tibni fuq il-momentum li nħoloq matul is-sena tal-Kapitali Ewropea għall-Kultura billi torganizza progamm ta' sena, ta' avvenimenti kulturali ta' kwalità, li jvarjaw minn avvenimenti ta' skala kbira li jattiraw udjenzi kbar bħall-Valletta Green Festival u l-Valletta Pageant of the Seas, għal kunċerti mużikali, prestazzjonijiet taż-żfin u produzzjonijiet teatrali li huma iżjed intimi.**

As a Valletta 2018 legacy project, the Valletta Cultural Agency continues to build on the momentum created during the European Capital of Culture year by organizing a year-long programme of quality cultural events, ranging from large-scale crowd pullers such as the Valletta Green Festival and the Valletta Pageant of the Seas, to more intimate music concerts, dance performances and theatre productions.

# COLOUR IN THE CITY

**FRAR - DIĊEMBRU** //
FEBRUARY - DECEMBER



c. Justine Ellul

**Programm ta' installazzjonijiet fit-toroq li jinbidlu kull erba' xhur. Dan il-programm huwa maħsub biex jagħti kulur lit-toroq tal-kapitali. Wara s-suċċess tal-installazzjonijiet fi Triq in-Nofsinhar fl-2021, ser ikunu qed jintgħażlu sensiela ta' installazzjonijiet permezz ta' sejħiet għall-proposti.**

A programme of street installations changing every four months, meant to bring colour and art to the streets of the capital. Following the success of installations in South Street in 2021, this project will see a series of installations selected via open calls for proposals.

**TRIQ IN-NOFSINHAR** //
SOUTH SREET

# TNAX: LENTI FUQ IL-BELT

28 JANNAR - 27 FRAR
28 JANUARY - 27 FEBRUARY

IS-SUQ TAL-BELT




**Ser titella' wirja fotografika fuq skala żgħira f'Is-Suq tal-Belt fejn ser jintwerew ir-ritratti rebbieħa tal-kompetizzjoni tal-proġett Tnax. Tnax hija wirja fotografika kkurata li turi ritratt fix-xahar fi Triq San Ġwann, il-Belt Valletta. Permezz tal-kompetizzjoni Tnax, il-VCA stiednet lil kulħadd biex jinterpreta mill-ġdid dawn is-suġġetti – Believers, Never Look Back, Metropolitan u Music in the City – bil-mod tagħhom permezz tal-fotografija.**

A small-scale photographic exhibition to be held at Is-Suq tal-Belt to display the winning photographs of the Tnax project competition. Tnax is a curated photographic exhibition showing a monthly photo in St John Street, Valletta. Through the Tnax competitions, the VCA invited everyone to reinterpret these topics - Lunch Time, The Bus Stop, Urban Melody, Untitled. Parliament House Series, Believers, Never look back, Metropolitan, Music in the City, Ride for Pride, The swimmers , 'Triqitna', Inquisitive Gaze - in their own way through photography.


8

# DRAGO

**11-13 MARZU** // MARCH
**17-20 MARZU** // MARCH



**Ko-produzzjoni ma' Teatru Malta, Drago huwa dramm ispirat mill-ħajja tal-plejer tas-snooker u l-pool leġġendarju mill-Belt Valletta Tony Drago, magħruf aħjar fiċ-ċrieki tas-snooker tiegħu stess bħala Tornado Tony. Il-mod eċċezzjonalment veloċi li bih jilgħab flimkien mat-temperament emozzjonali tiegħu jagħmlu lil Tony karattru popolari fid-dinja tas-snooker. Dan ix-xogħol bijografiku se jkun miktub mill-kittieb André Mangion u se jiffoka fuq il-ħajja tal-qalil Drago li huwa magħruf għal kemm sikwit taqbiżlu kemxejn malajr. Kollox jista' jiġri f'din il-produzzjoni.**

A co-production with Teatru Malta, Drago is a play inspired by the life of the legendary professional snooker and pool player from Valletta, Tony Drago, better known within his own snooker circles as Tornado Tony. His combination of exceptionally fast play and emotional temperament have made Tony a popular character in the snooker world. This biographical work will be penned by writer André Mangion, and will focus on the life of the fiery Drago who's been known to throw around the occasional cue or two. All bets are off for this production.

**IS-SOĊJETÀ FILARMONIKA NAZZJONALI LA VALETTE //**
SOCIETÀ FILARMONICA NAZIONALE LA VALETTE

# INNOVAIR

**ALL YEAR LONG** //
MATUL IS-SENA



**InnovAiR huwa programm ta' Artisti f'Residenza fejn l-artisti huma mistiedna jagħmlu residenza li parti minnha tkun fil-Belt Valletta biex joħolqu xogħol li jirrifletti aspett wieħed jew aktar tal-belt, jew rabtiet magħha. Ir-Residenza se ssir fil-Valletta Design Cluster u l-preżentazzjoni kif ukoll id-dati attwali jiddependu mill-proposti li jaslu.**

InnovAiR is an Artist-in-Residence programme through which artists are invited to carry out a residency that is partially spent in Valletta to create a work which reflects one or more aspects of, or links to, the city. The Residency will take place at the Valletta Design Cluster and the presentation as well as actual dates will depend on proposals received.

**VALLETTA DESIGN CLUSTER**

# MOZART'S REQUIEM

**2 APRIL** // APRIL

INSINJI BAŻILIKA, PARROĊĊA MATRIĊI U PRINĊIPALI TA' SIDTNA MARIJA TAL-PORTU SALVU U SAN DUMINKU



**F'April, l-Aġenzija Kulturali għall-Belt Valletta se ttella' kunċert tar-Requiem emozzjonali u affaxxinanti ta' Mozart. Dan il-kapolavur korali se jitwettaq taħt id-direzzjoni tas-Surmast Lawrence Renes bis-sehem tal-Malta Philharmonic Orchestra u l-kor tal-Accademia Nazionale di St Cecilia, waħda mill-eqdem istituzzjonijiet mużikali fid-dinja.**

April will see the production of Mozart's fascinating and emotionally stirring Requiem. This choral masterpiece will be conducted by Lawrence Renes with the participation of the Malta Philharmonic Orchestra and the 40-strong choir of the Accademia Nazionale di St Cecilia, one of the oldest musical institutions in the world.

# SEBA' VISTI

**IL-ĠIMGĦA MQADDSA**//
HOLY WEEK
**10 - 16 APRIL** //
APRIL




**Seba' Visti hija prestazzjoni korali mill-kor *Cappella Sanctae Catherinae* li ġiet iffilmjata fl-2021 u li tinkludi ħsibijiet u osservazzjonijiet miktuba minn membri tal-komunità. Dawn jirriflettu r-ritwali sagri tas-Seba' Visti li jsiru fil-Ġimgħa l-Kbira. Din ir-rappreżentazzjoni qed tixxandar fuq it-televiżjoni fil-Ġimgħa Mqaddsa.**

Filmed in 2021, Seba' Visti is a choral performance by *Cappella Sanctae Catherinae* choir featuring thoughts and observations written by members of the community, mirroring the sacred ritual of the Seba' Visti which takes places on Good Friday. This performance is being broadcast on television on Holy Week.

# VALLETTA GREEN FESTIVAL

**28 APRIL - 1 MEJJU** //
28 APRIL - 1 MAY

**PJAZZA SAN ĠORĠ U SPAZJI OĦRA FIL-BELT** //
ST GEORGE'S SQUARE & OTHER SPACES IN CITY



c. Jonathan Borg Zigli

**L-avveniment annwali ddedikat għat-titjib ambjentali fil-Belt bħat-tħaddir urban, it-tnaqqis fit-tniġġis u l-biodiversità, jirritorna f'Mejju. It-tema għall-2022 hija l-importanza ta' spazji pubbliċi, il-ħarsien tal-abitat u l-effett li qed iħalli t-telf tal-abitat fuq il-flora u l-fawna tal-gżejjer tagħna.**

The Valletta Green Festival is the annual event dedicated to environmental concerns in the city such as urban greening, action against pollution and biodiversity. The 2022 edition is focusing on the importance of public spaces, the protection of natural habitats and the effect this has on the flora and fauna of our islands.

# CINEMA CITY

**6 –11 ĠUNJU** // JUNE




c. Jonathan Borg Zigli

**Is-sensiela ta' wirjiet ta' films ikkurati mill-komunità tinkludi films magħrufa lokali u internazzjonali, magħżula minn grupp ta' 10 voluntiera fuq medda ta' erba' xhur fl-2021. Dan se jsir fil-Ġonna Laparelli u se jittella' b'kollaborazzjoni mal-Malta Film Commission.**

The community-curated open-air film screening series features well-known local and international films chosen by a group of 10 volunteers over a span of four months in 2021. This will be held at Laparelli Gardens and will be in collaboration with the Malta Film Commission.

**ĠNIEN LAPARELLI** //
LAPARELLI GARDENS

# VALLETTA PAGEANT OF THE SEAS

**25 ĠUNJU** // JUNE

**IL-PORT IL-KBIR** //
THE GRAND HARBOUR



c. Jonathan Borg Zigli

**L-avveniment spettakolari ta' kull sentejn fil-Port il-Kbir, li jiċċelebra r-rwol tal-Port fil-ħajja tar-residenti tal-Belt, din is-sena se jkun iddedikat għat-tifkira tal-wasla tal-konvoj ta' Santa Marija 80 sena ilu u l-impatt tiegħu fuq il-gżejjer dak iż-żmien. Il-wirjiet artistiċi ser jittellgħu fuq l-art u l-baħar b'mużika, dwal, projezzjonijiet u installazzjonijiet li jagħtu l-ħajja fiż-żona Ta' Liesse.**

The biennial spectacular celebrating the role of the harbour in the very existence of the city of Valletta and in the life of its residents will this year be dedicated to the commemoration of the arrival of the Santa Marija convoy eighty years ago and its impact on the islands at the time. The artistic performances will span across the land and sea with music, lights, projections and installations bringing life to the area of Ta' Liesse


LOUNGE
SPLENDID
BAR

# STRADA STRETTA CONCEPT

**Taħt id-direzzjoni artistika tal-akkademiku tal-arti mwieled il-Belt Valletta stess, Prof. Giuseppe Schembri Bonaci, The Strada Stretta Concept għandu l-għan li jorganizza avvenimenti kulturali ta' kwalità interessanti sabiex tiġi ffaċilitata r-riġenerazzjoni kulturali fi ħdan dan il-qasam mill-Aġenzija Kulturali għall-Belt Valletta. L-avvenimenti huma differenti fl-essenza tagħhom u jinkludu esibizzjonijiet artistiċi, produzzjonijiet teatrali, seminars, simpożji, taħditiet, teatru fit-toroq, avvenimenti billejl, sessjonijiet tal-jamming, laqgħat diretti u sessjonijiet ta' netwerking mal-artisti.**

Under the artistic direction of Valletta-born arts academic Prof Giuseppe Schembri Bonaci, the Strada Stretta Concept is tasked with organising engaging quality cultural events to facilitate cultural regeneration within the area by the Valletta Cultural Agency. Events are diverse in nature and include artistic exhibitions, theatre productions, seminars, symposia, talks, street theatre, night events, jamming sessions, direct meetings and networking sessions with artists.



# BIBI ... AND BIBI BIBI ... AND BIBI BIBI BIBI

**20 JANNAR** // JANUARY
20:00
**THE SPLENDID**

**Għall-ftuħ tal-programm kulturali għall-2022, The Strada Stretta Concept qed jippreżenta avveniment li jagħti ġieħ lill-familja mużikali magħrufa bil-laqam tal-'Bibi'. L-aħwa Joe u Pawlu, flimkien ma' iben Joe, Gilbert, se jkunu qed idoqqu kanzunetti li jiċċelebraw il-kontribut mużikali twil tal-familja.**

**Bi strumenti li jvarjaw mill-perkussjoni għall-keyboard u t-trumbetta, il-familja Bibi se tippreżenta kanzunetti klassiċi mis-snin 50 u 60, li oriġinarjament kienu jindaqqu minn missier Joe u Pawlu, li ta lill-familja l-laqam inizjali tagħhom u beda l-legat mużikali tal-familja.**

Starting off the cultural programme for 2022, The Strada Stretta Concept is presenting an homage to the musical family which goes by the infamous nickname of 'Bibi'. Brothers Joe and Pawlu, together with Joe's son, Gilbert, will be performing songs which celebrate the family's decades-long musical contribution.

With instruments ranging from percussion to keyboard and the trumpet, the Bibi family will perform classics stemming from the 50s and 60s, originally played by the father of Joe and Pawlu, who gave the family their initial nickname and kickstarted their musical legacy.

# OLIVER FRIGGIERI

**27 MARCH** // MARZU
18:00
**THE SPLENDID**



**Sabiex jiġi ċċelebrat għeluq żmien l-akkademiku Malti Oliver Friggieri, The Strada Stretta Concept se jkun qiegħed jippreżenta lejla letterarja ddedikata lill-poeżiji u l-iskeċċijiet tiegħu. Il-programm ta' The Strada Stretta Concept spiss inkluda avvenimenti li jfakkru ġganti tal-letteratura, kemm mix-xena lokali kif ukoll dik internazzjonali, inkluż Anthony Burgess fl-2017 u Dante Alighieri fl-2021.**

**Filwaqt li Friggieri huwa l-aktar magħruf għall-poeżiji u l-kritika letterarja tiegħu, l-iskeċċijiet, aspett tal-produzzjoni kreattiva tiegħu li ftit huwa magħruf, se jiġu ppreżentati u mqiegħda flimkien ma' aspetti oħra tal-ħajja artistika u akkademika ta' Friggieri.**

To celebrate the birthday of Maltese academic Oliver Friggieri, The Strada Stretta Concept will be presenting a literary evening dedicated to his poetry and sketches. The programme of Strada Stretta Concept has often included events that pay homage to literary giants, both from the local and international scene, including Anthony Burgess in 2017 and Dante Alighieri in 2021.

Whilst Friggieri is mainly known for his poetry and literary criticism, the sketches, a little-known facet of his creative output, will be presented and juxtaposed together with other aspects of Friggieri's artistic and academic life.



# VALLETTA DESIGN CLUSTER



**Il-programm tal-Valletta Design Cluster fih varjetà ta' attivitajiet marbutin mal-Kondiviżjoni tad-Disinn u tal-Għarfien, b'konformità man-natura tal-proġett. L-ewwel semestru tal-2022, b'mod partikolari, se jiffoka fuq kif l-assi diġitali jistgħu jappoġġjaw l-iżvilupp tal-komunità billi jibnu fuq il-wirt tagħna, u kif is-servizzi jistgħu jiġu mfassla aħjar billi jibdew mill-fehim tal-ħtiġijiet u l-esperjenza tal-utent. B'mod parallel mal-programm kulturali tiegħu, il-Valletta Design Cluster se jkompli joffri firxa wiesgħa ta' faċilitajiet lill-membri u lill-imsieħba tiegħu bħala spazju komunitarju għall-prattika kulturali u kreattiva fil-qalba tal-Belt Valletta.**

The Valletta Design Cluster programme features a variety of activities linked to Design and Knowledge Sharing, in line with the nature of the project. Particularly, the first semester of 2022 will focus on how digital assets can support community development by building on our heritage, and how services can be better designed starting from the understanding of users' needs and experience. Parallel to its cultural programme, the Valletta Design Cluster will continue offering its wide range of facilities to its members and partners as a community space for cultural and creative practice in the heart of Valletta.

# ACTIVITIES OF THE EIT URBAN MOBILITY HUB

**JANNAR - ĠUNJU** // JANUARY-JUNE

**L-attivitajiet tal-EIT Urban Mobility Hub ser ikomplu matul l-2022. Din is-sena, ser niffukaw fuq l-intersezzjonijiet fost il-pilastri tal-Istitut Ewropew tal-Innovazzjoni u t-Teknoloġija (EIT): l-edukazzjoni, ir-riċerka u n-negozju. Matul l-2021, ġie żviluppat Pjan ta' Vjaġġar Ekoloġiku għall-Valletta Design Cluster, u fl-2022 se nkomplu nesploraw modi innovattivi ta' appoġġ għall-ekosistema tal-mobilità urbana lokali matul il-konsulenza u l-iskambju internazzjonali.**

The activities of the EIT Urban Mobility Hub will continue throughout 2022. This year, we will focus on the intersections among the pillars of the European Institute of Innovation and Technology (EIT): education, research and business. During 2021, a Green Travel Plan for the Valletta Design Cluster was developed, and in 2022 we will continue exploring innovative ways of supporting the local urban mobility ecosystem throughout mentorship and international exchange.





# WIKI LOVES FOLKLORE

**FRAR – MARZU** // FEBRUARY - MARCH

Wiki Loves Folklore (WLF) is an international photographic contest where photographers can contribute photos, videos and other media about their local folk culture to Wikimedia Commons to be used on Wikipedia. Wiki Loves Folklore 2022 will be centered around Carnival Celebrations and other local traditions in Malta. More details will be available soon on the Valletta Design Cluster social media platforms.

**Il-Wiki Loves Folklore (WLF) huwa konkors fotografiku internazzjonali fejn il-fotografi jistgħu jikkontribwixxu ritratti, vidjows u midja oħra dwar il-kultura folkloristika lokali għal Wikimedia Commons biex jintużaw fuq Wikipedia. Wiki Loves Folklore 2022 ser jiffoka fuq iċ-ċelebrazzjonijiet tal-Karnival u tradizzjonijiet lokali oħra f'Malta.**

# WIKIMEDIA CEE SPRING

**FRAR – MAR** // FEBRUARY-MARCH

**Il-Wikimedia CEE Spring għandu l-għan li jmexxi l-isforzi tad-donaturi tal-għarfien ħieles fl-oqsma tal-istorja, il-kultura u t-tradizzjonijiet biex jappoġġja l-għarfien maqsum u l-fehim reċiproku bejn in-nies fl-Ewropa u lil hinn. Il-proġett għandu l-għan li jżid il-kwantità u l-kwalità tal-għarfien ħieles disponibbli dwar ir-reġjun tal-Ewropa Ċentrali u tal-Lvant globalment. Il-Valletta Design Cluster ser jorganizza workshops b'kollaborazzjoni mal-Wikimedia Community Malta biex jinħolqu artikli tal-Wikipedia dwar dawn ir-reġjuni Ewropej bil-lingwa Maltija.**

Wikimedia CEE Spring aims to channel the efforts of donors of free knowledge in the fields of history, culture and traditions to support shared knowledge and mutual understanding between people in Europe and beyond. The project aims at increasing the quantity and quality of free knowledge available about the Central and Eastern European region globally. The Valletta Design Cluster will organize workshops in collaboration with the Wikimedia Community Malta to create Wikipedia articles about these European regions in the Maltese language.





# VALLETTA DESIGN CLUSTER MEMBERSHIP DRIVE

**FRAR – MARZU** //
FEBRUARY-MARZU

**L-ispinta ta' sħubija tal-Valletta Design Cluster tkompli fl-2022, b'diversi opportunitajiet ta' aċċess għal riżorsi, spazji, għodod u kompetenza miftuħa għall-membri tal-VDC. Ingħaqad fil-komunità tagħna billi tirreġistra taħt is-sezzjoni Valletta Design Cluster fuq il-websajt tal-VCA. Il-membri se jkunu infurmati direttament dwar inizjattivi u proġetti li għaddejjin bħalissa li jistgħu jkunu ta' għajnuna għalihom, ibbażati fuq l-oqsma speċifiċi tal-interess tagħhom fid-disinn, il-kreattività, l-azzjoni soċjali u l-attiviżmu ambjentali.**

The membership drive of the Valletta Design Cluster continues in 2022, with various opportunities to access resources, spaces, tools and expertise open to the VDC members. Join our community by registering under the Valletta Design Cluster section on the VCA website. Members will be informed directly about ongoing initiatives and projects which can be of assistance to them, based on their specific areas of interest in design, creativity, social action and environmental activism.

# DESIGN TALK

**14 MARCH** // MARZU

**Il-Valletta Design Cluster ser jospita l-ewwel Design Talk f'Marzu. Din ser tinvolvi prattikanti internazzjonali attivi fil-qasam ta' in-service design. Dawn l-esperti tad-disinn se jippreżentaw l-esperjenza tagħhom sabiex jassistu lil dawk li jipprovdu s-servizzi fl-iżvilupp ta' portafoll ibbażat fuq il-bżonnijiet tal-utenti. Din it-taħdita ser tibni fuq l-esperjenza li l-Valletta Design Cluster kiseb permezz tal-proġett Design4Innovation (Interreg Europe) matul dawn l-aħħar ħames snin, li ra diversi msieħba Ewropej jaħdmu kollettivament biex jappoġġjaw l-Intrapriżi żgħar u medji fir-reġjuni tagħhom permezz tal-użu tad-disinn.**

The Valletta Design Cluster will host the first Design Talk in March, involving international practitioners active in-service design. These design experts will present their experience in assisting service providers develop a successful service portfolio that has users' needs at its core. This Talk will build on the experience the Valletta Design Cluster has gained through the Design4Innovation (Interreg Europe) project over the past five years, which has seen various European partners working collectively to support Small and Medium Enterprises in their regions through the use of design.





# GREENHOUSE COURSE

**16 - 18 MARZU** // MARCH

**Kif nistgħu nkunu aktar konxji tal-bżonnijiet tal-anzjani? L-aġenzija tar-riċerka tad-disinn u l-innovazzjoni PDR mill-Università Metropolitana ta' Cardiff se tippreżenta l-prinċipji tad-disinn tas-servizzi kif applikati għall-isfida li r-riżorsi kulturali tagħna jsiru rilevanti u aċċessibbli għall-anzjani permezz ta' kors bit-titlu Greenhouse. L-organizzazzjonijiet kulturali u entitajiet li jappoġġaw l-inklużjoni soċjali huma mistiedna jipparteċipaw f'dan il-kors intensiv ta' jumejn, li se jikkonsisti f'workshops prattiċi, u eżerċizzji ta' riċerka.**

How can we be more aware of the needs of the elderly? The design and innovation research agency PDR from Cardiff Metropolitan University will present the principles of service design as applied to the challenge of making our cultural resources relevant and accessible to the elderly, by means of a course titled Greenhouse. Cultural organisations and entities supporting social inclusion are invited to participate in this 2-day intensive course, which will consist of hands-on workshops, and research exercises.





## COLOUR IN THE CITY

**TRIQ IN-NOFSINHAR**
SOUTH STREET

**FRAR** // FEBRUARY

**Installazzjonijiet fit-Toroq** - Street art

Page 06

## BIBI … & BIBI BIBI …& BIBI BIBI BIBI

**THE SPLENDID**

**20JANNAR** // JANUARY

**Kunċert** - Concert

Page 18

## TNAX LENTI FUQ IL-BELT

**IS-SUQ TAL-BELT**

**28 JANNAR - 27 FRAR** // 28 JANUARY - 27 FEBRUARY

**Esibizzjoni** - Exhibition

Page 07

## ACTIVITIES OF THE EIT URBAN MOBILITY HUB

**VALLETTA DESIGN CLUSTER**

**JANNAR - ĠUNJU** // JANUARY - JUNE

Page 22

## VDC MEMBERSHIP DRIVE

**VALLETTA DESIGN CLUSTER**

**FRAR - MARZU** // FEBRUARY - MARCH

Page 25

## WIKI LOVES FOLKLORE

**VALLETTA DESIGN CLUSTER**

**FRAR – MARZU** // FEBRUARY - MARCH

Page 23

## WIKIMEDIA CEE SPRING

**VALLETTA DESIGN CLUSTER**

**FRAR - MARZU** // FEBRUARY - MARCH

Page **24**

## DESIGN TALK

**VALLETTA DESIGN CLUSTER**

**14 MARZU** // MARCH

Page **26**

## GREENHOUSE COURSE

**VALLETTA DESIGN CLUSTER**

**16-18 MARZU** // MARCH

Page **27**

## DRAGO

**IS-SOĊJETÀ FILARMONIKA NAZZJONALI LA VALETTE**
SOCIETÀ FILARMONICA NAZIONALE LA VALETTE

**11 – 13 MARCH** // MARZU
**18 – 22 MARCH** // MARZU

**Produzzjoni Teatrali** - Theatrical Production

Page **09**

## OLIVER FRIGGIERI

**THE SPLENDID**

**27 MARZU** // MARCH

**Literary evening** - Serata letterarja

Page **19**

## MOZART'S REQUIEM

**INSINJI BAŻILIKA, PARROĊĊA MATRIĊI U PRINĊIPALI TA' SIDTNA MARIJA TAL-PORTU SALVU U SAN DUMINKU**

**2 APRIL** //APRIL
**Kunċert** - Concert

Page **11**

# SEBA' VISTI

**TV PRODUCTION**

**10-16 APRIL** // APRIL

Page **12**

# VALLETTA GREEN FESTIVAL

**PJAZZA SAN ĠORĠ**
ST GEORGE'S SQUARE

**28 APRIL - 1 MEJJU** //
28APRIL - 1 MAY

**Festival** - Festival

Page **13**

# CINEMA CITY

**ĠNIEN LAPARELLI**
LAPARELLI GARDENS

**6–11 ĠUNJU** // JUNE
**Ċinema** - Cinema

Page **14**

# VALLETTA PAGEANT OF THE SEAS

**IL-PORT IL-KBIR**
GRAND HARBOUR

**25 ĠUNJU** // JUNE
**Festival** - Festival

Page **15**

# INNOVAIR

**VALLETTA DESIGN CLUSTER**
VALLETTA DESIGN CLUSTER

**MATUL IS-SENA** //
ALL YEAR LONG

**Programm ta' Artisti f'Residenza** -
Artist in Residence

Page **10**



**Valletta Cultural Agency**

Exchange Buildings
Republic Street
Valletta, VLT 1117
Malta

**w.** www.vca.gov.mt
**e.** info@vca.gov.mt
**t.** (+356) 2124 2018

L-informazzjoni f'dan il-ktejjeb kienet korretta qabel intbagħtet għall-istampar. L-Aġenzija Kulturali għall-Belt Valletta tirriserva d-dritt li temenda dati u dettalji oħra tal-attivitajiet tagħha f'kull ħin // The information on this booklet was correct at the time of going to print. The Valletta Cultural Agency reserves the right to amend dates and other event details at any time.

# CULTURAL
PROGRAMME 2022